**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A21-13

4 ta’ Novembru 2013

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/21**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar il-Ħamis **7 ta’Novembru 2013 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ Skeda ta’ Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni tat-3rd *Quarterly Report July – September 2013*
6. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Kwotazzjoni GLCQ06/2013-magazine tal-Kunsill
7. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Kwotazzjoni GLCQ07/2013 – *Christmas Lighting Decorations*.
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**2 ta' Diċembru 2013**

**Seduta Nru: 21 - KUNSILL LOKALI GŻIRA**

Minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 7 ta' Novembru 2013 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Vincenza Attard, Charles Micallef St. John u Joseph M. Muscat flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.
Attendiet għal parti mill-laqgħa l-*Accountant* tal-Kunsill Ms Johanna Caruana

**Skużati:**

Il-Kunsillier Joe Camilleri minħabba mpenn ieħor u l-Kunsillier Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-4 ta' Novembru 2013

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Numru 20 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Galea

**2. Materji Konnessi**

**2.1 Paġna Nru: 2 para 2.2 – *Active Ageing Centre*** – Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ivan Falzon (Head of Secretariat fil-Ministeru MFSS) li kienet ser tiġi sponsorjata s-somma ta' €4,500 għat-talba li saret miċ-*Chairman* dwar erbgħin siġġu, għaxar imwejjed u tlett pultruni.

**2.2 Paġna Nru: 2 para 3.2 – *Memo 17 – Live Streaming* –** dwar is-suġġett sopracitat, l-Kunsill informa li dan ix-xogħol irid jitlesta fi żmien tlett xhur mid-data ta' l-ittra u l-Kunsill għandu jibgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali il-*fiscal invoices* flimkien maċ-ċertifikat iffirmat minn persuna akkreditata fl-*IT* li x-xogħol sar.

**2.3** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John staqsa jekk kienux saru kuntatti mal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart dwar il-possibilita' li l-ġbir jibda jinġabar filgħaxija.

Iċ-*Chairman* wieġeb li l-kuntrattur bħalissa mhux f'pożizzjoni li jagħmel dan iżda din il-possibbilita' tista' ssir meta tinħareġ Sejħa għall-Offerti ġdida.

**2.4 Paġna Nru: 6 para 6.3** Rigward ir-*road humps* li kienu ġew approvati mit-*Transport Malta* ġie deċiż li dik ta' Triq ir-Rebħa ssir mill-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* filwaqt li dik ta' Triq Sir Patrick Stuart ċ-*Chairman* qal li għalkemm kien sar kuntatt mad-ditta *Polidano Bros. Ltd* ebda risposta ma ngħatat u għalhekk ġie deċiż li tinkiteb ittra lil din id-ditta kupjata lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u d-Dipartiment tal-Kuntratti li jekk dan ix-xogħol ma jsirx, il-Kunsill ma jħallasx ebda kont ieħor u din tittieħed inkonsiderazzjoni waqt li tkun qed issir l-aġudikazzjoni ta' xi Sejħa għall-Offerti.
Ġie deċiż ukoll, li l-ittra għandha tintbagħat mill-Avukat tal-Kunsill, Dott Edward Woods.

**2.5 Paġna Nru: 6 para 6.4 –** Rigward *Two-Way System* fi Triq Turu Rizzo c/w Triq Luqa Briffa to c/w Triq Nazju Ellul Gżira, ċ-*Chairman* qal li l-*feedback* li kellu l-Kunsillier Victor Rutter mir-residenti ta' l-inħawi, kien fin-negattiv u kollha qablu li din għandha tibqa' *One Way* kin inhi fil-preżent.

Matul id-dikussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament mal-maġġoranza tar-residenti li din it-triq għandha tibqa' *One Way* u għalhekk għandna ninfurmaw lit-*Transport Malta* bid-deċiżjoni.

**3. Korrispondenza**

Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-7 ta' Novembru 2013, kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

**3.1** Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom

**3.2** Rigward *Memo 26/2013* – Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali - ċ-*Chairman* qal, li minħabba l-fatt li ebda żagħżugħ/żagħżugħa ma ġie nnominat u d-data ta' l-għeluq kienet it-8 ta' Novembru 2013, ġie deċiż li ninfurmaw lid-Dipartiment li l-Kunsill ma kienx sab ġenituri għall-kunsens. Huwa kompla jgħid, li fl-opinjoni tiegħu għandha tintbagħat ittra kemm lir-residenti kif ukoll lill-iskola Sekondarja.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.3** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata minn Charles Micallef St. John għan-nefqa ta' €250 għall-*printing* ta' *posters* għall-attivita' li ser issir fl-14 ta' Diċembru 2013.

**3.4** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Chris Borg għalliem fl-iskola sekondarja tal-Gżira fejn kien qed jissuġġerixxi li bħala parti mill-attivitajiet tal-Milied kien ser isir xogħol fil-Komunita' għall-anzjani speċjalment dawk li ma joħorġux minn djarhom.

Il-Kunsillier Vincenza Attard qalet li fil-5 ta' Novembru 2013 kellha laqgħa mas-Sur Chris Borg fejn ġie deċiż li nikkuntattjaw lill-Kappillan sabiex jibgħatilna l-informazzjoni neċessarja.

**3.5** Inqrat Memo25/2013 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li nikkuntattjaw lid-Dipartiment sa mhux aktar tard mid-29 ta' Novembru 2013 għall-assistenza dwar fondi għall-attivitajiet.

**3.6** Tressqet korrispondenza mibgħuta mill-Moviment Kerygma rigward in-nomina ta' Premju Żagħżugħ tas-sena 2013.

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li jekk il-Kunsillieri jkunu jafu b'xi persuna jikkuntattjaw lill-Kunsill sa mhux aktar tard mid-29 ta' Novembru 2013.

**3.7** L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet tinforma li s-Sibt 7 ta' Diċembru 2013 fil-lukanda *Dolmen Resort*, il-Qawra kienet ser issir laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex. Il-ħlas għal kull persuna huwa ta' €50.

**3.8** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-A.K.L. b'kollaborazzjoni ma' l-*Energycities* ser torganizza konferenza dwar l-użu ta' l-enerġija alternattiva ġewwa l-gżejjer Maltin bis-sehem attiv tal-Kunsilli Lokali. Din il-konferenza ser tiġi organizzata fit-28 u 29 ta' Novembru 2013 ġewwa Palazzo Capua, Sliema. Kull min hu nteressat għandu jikkomunika mal-Kunsill.

**3.9** Rigward il-*un/loading bay* fi Triq Sliema fil-viċinanzi ta' *Copy Cat Stationery*, il-Kunsill ma kienx favur dwar ir-rikonsiderazzjoni tagħħa u din l-opinjoni kienet bbażata fuq il-fatt li fil-prinċipju t-*Transport Malta* kienet oġġezzjonat għaliha skont il-*policy guidelines* ta' l-istess entita'.

**3.10** Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Edwin Mintoff rigward kostruzzjoni ta' *flower pot* fi Triq Sliema li l-permess kien inħareġ mit-*Transport Malta* bl-iskop li jiddevja l-ilma tax-xita li jaħkem il-bankina u l-faċċata tal-fond in kwestjoni.

Matul id-diskussjoni li saret, għalkemm il-Kunsill qabel mal-kunċett, ġie deċiż li tintbagħat ittra lit-*Transport Malta* fejn jiġi spjegat li din kienet it-tieni darba li saru xogħlijiet mingħajr ma jkun mgħarraf il-Kunsill u jekk dan l-aġir jiġi repetut, il-Kunsill kien ser jipprotesta permezz tal-*media*. Din l-ittra għandha tiġi ppubblikata fil-ħarġa li jmiss ta' l-impenn.

**3.11** Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Silvio Zammit għal talba ta' *no objection* sabiex jintrama ċirku f'Manoel Island.

Għaldaqstant, ġie deċiż li s-Sur Zammit jiġi nfurmat li Manoel Island mhix taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali.

**3.12** Il-Kunsill ma qabilx għat-talba għall-*un/loading bay* fi Triq ix-Xatt li saret mid-ditta *Attard & Co.* u dan minħabba l-fatt li fiż-żona diġa' jeżistu *un/oading bays.*

**3.13** Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura li kienet ser tiġi nstallata *dual-point charging pillar* fi Triq ix-Xatt k/ma' Triq Gżira għal *electric vehicles.*

**3.14** Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni għall-ħruġ ta' permess sabiex jitpoġġew mwejjed u siġġijiet fuq il-bankina ta' art tal-Gvern quddiem l-istabbiliment Bella Sicila, Triq ix-Xatt sakemm dawn ikollhom il-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet konċernati u spazju fuq il-bankina kif titlob il-liġi għal min jagħmel użu minnha.

**3.15** Inqrat kopja ta' ittra mibgħuta minn Dott ian Micallef lil Baruni Testaferrata Moroni dwar bieb ta' l-*Empire Stadium* fi Triq San Gorg li ġie mifqugħ il-ġewwa u qed jagħti aċċess għaż-żagħżagħ possibilment għal skop ta' teħid ta' droga.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Baruni kupjata lil Dott Ian Micallef.

**3.16** Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nikkuntattjaw kuntrattur sabiex jinġabru id-*derelict vehicles* fil-lokalita'.

**3.17** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/21 minn numru 908 sa 943 (*appendix* nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopracitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni tat-*3rd Quarterly Report July – September 2013***

**5.1** L-*Accountant* spjegat fid-dettal ir-rapport sopracitat li kien jindika bilanċ pożittiv sa Settembru 2013 li kien ta' €52,471.74 (*appendix* Nru:2)

Wara li twieġbu xi kjarifiki u mistoqsijiet li saru mill-membri preżenti, 3rd *Quarterly Report* July –September 2013 ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**6. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Kwotazzjoni GLCQ06/2013 – Magazine tal-Kunsill**

**6.1** Rigward is-suġġett sopracitat, offerta waħda ġiet sottomessa li kienet (*appendix* Nru: 3)

Ms Liliana Risiott li għalkemm ssottomettiet erbgħa *options*, il-Kunsill għażel l-ewwel *option* għall-ammont ta' €1,485. – 3,500 kopji – sittax –il paġna 80 gsm inkluż il-VAT u *delivery* u tiġi ppubblikata kull tlett xhur.

Il-Kunsillier J.M. Muscat issuġġerixxa li għandu jinħatar bord editorjali.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat mal-kwotazzjoni sottomessa kif ukoll mas-suġġeriment li għamel il-Kunsill hawn fuq imsemmi.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John iddikjara pekjunarju u għaldaqstant, ma ħax parti f'din id-diskussjoni.

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Kwotazzjoni *GLCQ07/2013 – Christmas Lighting Decorations***

**7.1** Għal din il-kwotazzjoni kien hemm sottomissjoni waħda li kienet (*appendix* Nru: 4)

Is-Sur Victor Tedesco - €2,800 VAT inkluża.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-kwotazzjoni b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard

**8. Affarijiet Oħra**

**8.1 Kwotazzjoni – *No Dumping Signs***

Ġew sottomessi erbatx –il kwotazzjoni li kienu:

*Big Exhibts €542.80 – Print Art - €336.06 – Sign Centre €944.00 – Printagram €340.00 – Inter Visions €500.08 – Refalo Signs €590.00 – ABC Group €477.90*

*Expose Signs €430.46 – The Sign Shop €683.22 – Viking Sign Studio €447.93 Zaffarese Option 1 €330.40 – Zaffarese Option 2 €424.80 – Logo Grafix €696.20 A&S Signs €283.20*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard li tintgħażel il-kwotazzjoni ta' *A&S Signs* għall-ammont ta' €283.00 VAT inkluża u jiġu ordnati għoxrin tabella.

**8.2** Il-Kunsill iddeċieda li ssir tabella KUNSILL LOKALI GŻIRA li tiġi nstallata mal-bini tal-Kunsill fi Triq D'Argens. It-tabella trid tkun ittra, ittra u għalhekk ġie ssuġġerit li jinġiebu kwotazzjonijiet.

**8.3** L-A/Segretarju Eżekuttiv għan-nom tal-Kunsillier Victor Rutter ressaq xi lmenti (ara *appendix* Nru: 5) li kienu:

i *refreshing* ta' *roadmarkings* fiż-żona tat-*traffic lights*

Il-Kunsill ġie nfurmat li *roadmarkings* kienu saru riċentament mill-kuntrattur tal-Kunsill f'diversi toroq fosthom Sliema Road kollha.

ii Spezzjonijiet aktar spissi mill-Pulizija ħdejn il-*bar 'Times Gone By'* li qed jibqa' miftuħ sa kmieni filgħodu.

Il-Kunsill bagħat diversi *e-mails* lis-Supt Raymond D'Anastas u kienu saru żewġ *raids* mill-Pulizija.

iii Triq Turu Rizzo – il-maġġoranza ta' residenti jixtiequ li din it-triq tibqa' kif inhi *one way* pero' kien hemm resident wieħed (is-Sur Charlie Calamatta) li jixtieq li din ssir *two-way*.

Mill-*feedback* li kellu mill-maġġoranza tar-residenti l-istess Kunsillier, riedu li din it-triq tibqa' *One Way*. Il-Kunsill ukoll qabel mal-maġġoranza tar-residenti li din tibqa kif kienet, għalhekk għandna ninfurmaw lit-*Transport Malta* b'din id-deċiżjoni.

**8.4** Iċ-*Chairman* informa li għalkemm il-Kunsill kien konxju tal-fatt li oriġinarjament Triq Ganni Bencini bejn il-kantunieri mat-toroq Moroni u San Albert kien kompriż fil-konfini tal-lokalita' irriżulta li ż-żewġ naħat tat-triq attwalment jifformaw parti mill-konfini tal-lokalita' ta' Tas-Sliema. Il-Kunsill ġie mgħarraf minn residenti ta' l-akkwata u mill-Kunsillier is-Sur John Pillow tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema b'dan il-fatt wara li x-xogħlijiet kienu diġa ġew esegwiti.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-konfini u ċ-*Chairman* kellu jerġa' jipprova jikkuntattja lis-Sur Tony Chircop – Sindku Kunsill Lokali Tas-Sliema.

**8.5** Iċ-*Chairman* informa li kien sar kuntatt mal-kuntrattur *Schembri Barbros Ltd* dwar il-possibilta' li x-xogħol tal-bankini isir fuq iż-żewġ naħat ta' Triq San Albert (*lower*) biex b'hekk ix-xogħol jitlesta qabel il-Milied. Il-kuntrattur qabel.

**8.6** Il-Viċi-Sindku ppreżenta korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Dorianne Attard Cremona dwar il-ħtieġa ta' *Zebra Crossing* fi Triq D'Argens fil-viċinanzi ta' l-*OK showroom* u dan minħabba l-fatt li tfal ta' 11 u 12 –il sena jkunu jridu jaqsmu t-triq biex jistennew it-trasport ta' l-iskola.

Il-Kunsill qabel unanimament u talab lil-Viċi-Sindku jipprepara *site-plan* biex tintbagħat lit-*Transport Malta*.

**8.7** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John informa li xogħol dwar l-attivita' *Christmas Village* kien qed jipprogressa u fil-fatt l-Għaqdiet li kienu ser jipparteċipaw kienu kkonfermaw dak mitlub minnhom. Huwa kompla jgħid li aktar dettalji jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

Iċ-*Chairman* irrakkomanda li din l-attivita' għandha tinkludi programm għat-tfal.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St John għan-nefqa ta' madwar €3,000.

**8.8** Il-Kunsillier J.M. Muscat qal li kien qed jirċievi diversi lmenti dwar ilma ta' drenaġġ li qed joħroġ fuq il-bankina fi Triq Carlo Manche' n-naħa ta' fuq.

Il-Kunsill talab biex isir rapport lid-Dipartiment tas-Sanita'

Il-Kunsillier rrakkomanda li għandu jsir *hand rail* fi Triq Belvedere. Ġie nfurmat li dan ix-xogħol kien diġa' ordnat.

## 9 Laqgħa Oħra

**9.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.15 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 2 ta' Diċembru 2013 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/21**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/21 - 07.11.2013** **Data:** **08.10.2013 - 07.11.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Gzira Local Council | | | | | C.I.R. | | | | | | |
| 42 | Gzira Local Council | | | | | Wages & Honoraria | | | | | | |
| 43 | | | | | | | | | | | | |
| 44 | | | | | | | | | | | | |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€46,048.38** | **€45,455.11** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€46,048.38** | **€45,455.11** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier